# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 13 ta' Frar 2025**

**Numru 2**

**Rikors Numru 1077/18**

**Martin Viacava (I.D. 428662 (M)) u b'digriet tat-12 ta' Ottubru, 2020 stante l-mewt ta' Martin Viacava fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju ġie trasferit f'isem l-eredi tiegħu Marlene Viacava (I.D. 0373070 (M)), Mandy Viacava Micallef (I.D. 0243288 (M)), Mitchell Viacava (I.D. 0340291 (M)), Melchior Viacava (I.D. 0523192 (M)), u Maria Grima Viacava (I.D. 0318694 (M))**

**vs**

**Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited (C 388)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

*"1. Premess illi r-rikorrent impjegat mas-soċjeta' intimata;*

*2. Premess illi r-rikorrent żviluppa kondizzjoni fuq il-post tax-xogħol tiegħu ġewwa l-fabbrika tas-soċjeta' intimata, leima kondizzjoni hija magħrufa bħala extrinsic allergic alveolitis (ara* ***Dok. A*** *u* ***Dok. B*** *hawn annessi);*

*3. Premess illi b'konsegwenza tal-fatt li r-rikorrenti kien espost għal kimiċi waqt ix-xogħol tiegħu bħala press operator u impjegat tal-istess soċjeta' intimata sofra danni fostom (iżda mhux limitatament) għal danni fiżiċi fil-pulmun tiegħu li bl-ebda mod ma jistaż jiġi kkurat, telf ta' introjtu, disabilitaż permanenti u danni konsegwenzjali oħra;*

*4. Premess li l-kondizzjoni msemmija hija konsegwenza diretta u ġiet fis-seħħ minħabba traskuraġni, tort, negliġenza, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti applikabbli da parti tal-istess soċjeta' intimata (fosthom dawk relatati mas-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati waqt il-ħin tax-xogħol);*

*5. U premess illi b'riżultat dirett ta' dak suespost ir-rikorrent sofra wkoll telf ta' qliegħ u danni konsegwenzjali;*

*6. U premess illi s-soċjeta' intimata ġiet interpellata sabiex tgaħddi għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mir-rikorrenit, u dan anke permezz t'ittra uffiċjali datata s-17 ta' Settembru 2018 (ara* ***Dok Ċ*** *hawn anness) iżda baqgħet inadempjenti;*

*Għalhekk, tgħid is-soċjetaż intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex għar-raġunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja:*

*1. Tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrent;*

*2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent prevja n-nomina ta' periti mediċi;*

*3. Tikkundanna lill-istess soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti id-danni hekk likwidati.*

*Bir-riserva ta' kull azzjoni fil-liġi, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Settembru 2018, kontra s-soċjetaż intimata nġunta għas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta datata 28 ta' Novembru 2018 u li eċċeppiet is-segwenti:

*"1. Illi l-ewwel lok, is-soċjeta' konvenuta qegħda, f'dana l-istadju, tikkontesta illi l-attur ibat mill-kondizzjoni illi jallega illi jbati minnha f'din il-kawża u dan sakemm l-eżistenza ta' dik il-kondizzjoni ma tiġix aċċertata indipendentement minn esperti illi jiġu maħtura minn dina l-Qorti fil-kors ta' dawn il-proċeduri;*

*2. Fit-tieni lok, is-soċjeta' konvenuta tiċħad illi hija b'xi mod responsabbli għal kondizzjoni illi minnha talvolta jbati l-attur ukoll jekk jiġi stabbilit illi huwa verament jbati minnha;*

*3. Illi fit-tielet lok, is-soċjeta' konvenuta tikkontesta illi l-ambjent tax-xogħol offert minnha lill-impjegati tagħha, kostol l-attur, huwa b'xi mod novic għas-saħħa tal-impjegati tagħha inkluż tal-attur, jew xort'oħra jwassal għall-kondizzjoni illi minnha l-attur jallega illi jbati; Jiġi rilevat illi l-ambjent tax-xogħol offert jikkonformaw mal-għola livelli mposti u/jew suġġeriti nternazzjonalment minn organizazzjonijiet u awtoritajiet illi jimponu u/jeww jissuġġerixxu tali livelli. Hekk ukoll il-proċeduri u s-sistemi mposti mis-soċjeta' konvenuta fuq il-ħaddiema tagħha għal ħarsien tagħhom fil-kors tax-xogħol tagħhom ukoll jikkonforma, kif ingħad, ma kriterji internazzjonali;*

*4. Illi s-soċjeta' konvenuta tikkontesta wkoll illi l-kondizzjoni illi minnha jallega illi jbati minnha l-attur twassal għal xi diżabilita' permanenti jew għad-diżabilita' riklamata minnu;*

*5. Illi in oltre, u skont ma tifhem is-soċjeta' konvenuta, il-kondizzjoni illi l-attur jallega illi għandu tista' tiġi prodotta minn diversi attivitajiet illi wħud minnhom jidher illi l-attur kien hew għadu jagħmel u kif ukoll illi din il-kondizzjoni tista' tiġi prodotta minn diversi ambjenti illi wkoll l-attur kien ikum fihom;*

*6. Salv eċċezzjonijiet oħra."*

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imħallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn tali kawża odjerna ġiet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta fl-20 ta' Jannar 2020 (a fol. 326);

Rat illi l-eredi tal-attur intavolaw rikors datat 21 ta' Awwissu 2020 fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-atturi u dan skond il-verbal datat 12 ta' Ottubru 2020 (a fol. 338).

Qrat ix-xhieda fil-kawża.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta' Novembru 2024 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

Huwa fatt mhux kontestat bejn il-partijiet illi l-attur Martin Viacava kien impjegat mas-soċjeta' konvenuta u li kien ilu hekk impjegat mis-sena 1996 bi ftit żmien qasir immens meta ħadem f'postijiet oħrajn b'dan illi pero' ħadem mingħajr interruzzjoni mas-soċjeta' konvenuta mis-sena 2010 sakemm irreżenja fil-25 ta' Marzu 2019, u dan skond il-kopja tal-*JobsPlus* ippreżentata mill-attur stess li tinsab a fol. 11 u 12 u anke l-affidavit tal-attur stess li kien minnu maħluf fid-19 ta' Novembru 2018 u ppreżentat fit-12 ta' Diċembru 2018 (a fol. 28) u anke mill-kopja tal-*email* ta' Louis Farrugia, il-*manager* tal-human resources tas-soċjeta' konvenuta (a fol. 736). Għal kull buon fini, il-Qorti nnutat illi s-soċjeta' konvenuta kellha isem differenti li nbidel maż-żmien, u dan anke kif jidher minn dokument ippreżentat minn Dr. Mark Rosso, tabib speċjalizzat fix-xogħol, fl-Occupation Physician, Speċjalist u jaħdem mal-OHSA (a fol. 121).

Ma huwiex anqas fatt kontestat f'liema sezzjoni kien jaħdem l-attur mas-soċjeta' konvenuta. Fil-fatt, ġie ċċarat mill-evidenza ippreżentata mill-partijiet kollha f'liema sezzjoni tas-soċjeta' konvenuta kien jaħdem l-attur. L-attur qal fl-affidavit tiegħu maħluf

fid-19 ta' Novembru 2018 u ppreżentat fit-12 ta' Diċembru 2018 illi huwa kien jagħmel xogħol tal-pressa iżda wkoll jimla l-pompi bil-likwidi Monocoat u Permalease 20 (a fol. 27). Dr. Mark Rosso, tabib speċjalizzat fix-xogħol, fl-Occupation Physician, Speċjalist u jaħdem mal-OHSA, xehed fit-23 ta' Jannar 2019 illi l-attur kien jaħdem fis-sezzjoni HMBR u mhux fis-sezzjoni FIS (a fol. 64). Biss pero', Neville Grima, li huwa *maintenance and facilities manager* mas-soċjeta' konvenuta, qal fl-affidavit tiegħu maħluf fis-16 ta' Ġunju 2021 u ppreżentat fis-17 ta' Ġunju 2021, illi "*Lil Martin Viacava … dejjem nafu jaħdem ġewwa d-dipartiment tal-Fuel Injectors (FIS)*" (a fol. 708) u kkonfermat l-istess Fiona Darmanin, li taħdem mas-soċjeta' konvenuta bħala *Environment Health and Safety Manager*, fl-affidavit tagħha maħluf fis-16 ta' Ġunju 2021 u ppreżentat fis-17 ta' Ġunju 2021 (a fol. 720). Fiona Darmanin reġgħet xehdet fid-19 ta' Mejju 2022 illi " … *Mr. Viacava, kien press operator u bħala xogħol dan kien jaħdem fuq il-pressa* …" (a fol. 813) u fejn iċċarat illi l-attur kien jaħdem fis-sezzjoni FIS (a fol. 815).

Lanqas ma hu fatt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-attur Martin Viacava miet fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Fil-fatt, l-eredi tal-attur kienu ppreżentaw rikors fil-21 ta' Awwissu 2020 sabiex ikun hemm it-trasfużjoni tal-ġudizzju tal-attur f'isem l-eredi tiegħu (a fol. 331 sa 337) u fejn il-Qorti kienet laqgħet din it-talba permezz ta' digriet datat 12 ta' Ottubru 2020 (a fol. 338).

Biss pero', filwaqt illi l-attur, u wkoll tramite l-eredi tiegħu, ikkontenda li huwa żviluppa kundizzjoni minħabba li kien espost għal kimiċi li jagħmlu l-ħsara lill-bniedem fuq il-post tax-xogħol, is-soċjeta' konvenuta tisħaqq illi hi ma hix responsabbli għal kwalunkwe

kundizzjoni li seta' żviluppa u kellu l-attur u dan għaliex hi dejjem imxiet skond dak mitlub minnha bil-Liġi.

Għaldaqstant, din il-Qorti trid l-ewwel nett tistabilixxi l-kundizzjoni li kien ibati minnha l-attur sabiex wara tkun tista' tiddetermina jekk din il-kundizzjoni tal-attur ġietx żviluppata minħabba x-xogħol tiegħu mas-soċjeta' konvenuta. Wara, il-Qorti ser tkun qed tiddetermina d-danni sofferti mill-attur, jekk kemm -il darba jkun ippruvat li l-kundizzjoni tal-attur inħolqot b'konsegwenza tax-xogħol li kien jagħmel mas-soċjeta' konvenuta.

**Punti ta' Liġi**

Hawn ninsabu fil-kamp legali tal-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiem fuq ix-xogħol. Irriżulta b'mod ċar li Martin Viacava kien tassew impjegat mas-Soċjeta' konvenuta. Kien impjegat bħala *proċess operator* fuq bażi full time (a' fol 12). Dan ifisser li r-rabta li teżisti bejn il-partijiet hija waħda kjarament kuntrattwali *ta' locatio operis*.

Konsegwentement fl-isfond ta' ġurisprudenza konċernanti r-responsabilitajiet ta' min iħaddem versu l-impjegati tiegħu, irid jittieħed in kunsiderazzjoni dak li jipprovdi l-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:- "*Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in buona fede, jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha, bl-ekwita, bl-użu jew bil-liġi".* Di fatti fis-**Sentenza tal-Prim Awla deċiża fit-30 ta' April, 1997, fl-ismijiet Joseph Bugeja -vs- Anthony Falzon et pro et noe** intqal hekk:-

"*Dan l-artikolu (993) fuq kwotat iġib bħala wieħed mill-obbligi effett ta' dawn il-kuntratt l-obbligu ta' min iħaddem biex jipprovdi kundizzjonijiet fuq ix-xogħol li jassiguraw is-saħħa tal-ħaddiem fl-ambjent tax-xogħol tiegħu*".

Pero' dan ma jfissirx li dan huwa l-uniku artikolu li jirregola dan il-kamp tal-Liġi. Apparti dan hemm liġijiet speċjali u l-avviżi legali li jitnisslu minnha. Di fatti l-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta ġie mfassal u daħal fis-seħħ espliċitament biex jirregola fid-dettal l-obbligi li għandhom kemm min jimpjega u kif ukoll l-impjegat sa fejn jirrigwarda l-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiem fuq ix-xogħol.

Ġie għalhekk ritenut li l-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali. Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tal-2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta)).

Dan l-obbligu kompla jiġi regolat u msaħħaħ bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18) (Ara **Sentenza fl-ismijiet John Sultana vs Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979**). Di piu', is-**Sentenzi fl-ismijiet Emmanuel Grech -vs Carmelo sive Charles Farrugia et noe tas-7 ta' Diċembru 1994 u Keith Caruana -vs- Joseph Paris et noe tat-12 ta' Frar 1999**, jelenkaw b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Jingħad ukoll li "Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu

stess" (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994). (Ara wkoll **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2013**).

Fil-waqt li fis-**Sentenza fl-ismijiet Carmelo Fenech -vs- Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, ingħad illi d-dottrina tgħallem li fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16).

B'żieda ma' dan, kull min iħaddem irid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nniffsu li ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (Ara **Sentenza App. Ċiv. tat-28 ta' April, 2017 fl-ismijiet Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. et**). Regola oħra ewlenija f'dan il-qasam hija, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżommu 'l bogħod minn kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xierqa ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub.

Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu

li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (Art. 6(3) tal-Kap 424).

Iżda daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Ara **Sentenza tal-Qorti Kum, tad-9 ta' Settembru 1981 fl-ismijiet Godfrey Borg -vs- George Wells et noe**). Dan ifisser li jekk sistema tkun ilha titħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dik is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-10 ta' Ottubru1980 fl-ismijiet Calleja -vs- Fino**).

Irid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) talKap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (Ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Richard Farrugia - vs- Elbros**

**Construction Ltd**). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u m'għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Ara wkoll **Sentenzi tal-P.A. tad-9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia -vs- Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**).

**<u>Punti ta' kontestazzjoni</u>**

Hemm diversi punti ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet, għalhekk ser jitqiesu waħda waħda.

1. **Il-kundizzjoni li kien ibati minnha l-attur**

Tul is-smiegħ ta' din il-kawża ħareġ ċar illi l-attur kien ibati minn *Chronic Extrinsic Allergic Alveolitis*. Dan kif iċċertifikat mill-Professur Brendan Caruana Montaldo (a fol. 5). Fit-23 ta' Jannar 2019, dan il-Professur xehed illi " … *meta tieħu biopsy, dik hija hundred per cent. Ma jistax ikun, m'hemmx dubju fuq id-diagnosis*" (a fol. 54). Għalhekk dan il-professur ma jħalli ebda dubju dwar il-kundizzjoni li kien isofri minnha l-attur. Inoltre', Dr. John Zammit Montebello, it-tabib tas-soċjeta' konvenuta, ukoll ikkonferma l-istess ħaġa meta xehed illi "*Wara dak inhar kont mort id-dar tiegħu ukoll xi tliet xhur wara bħala follow up meta jkollok lil xi ħadd bil-long sick leave immur nagħmel home visit. F'dak il-perjodu hu kien iddeterjora. Issa d-dijanjosi kien a pulmary fibrosis jiġifieri l-pulmun kien qed jibbies, tant hu hekk kien niżżel il-kamra tas-sodda isfel u kien qed jieħu l-ossiġnu*" (a fol. 705). It-tabib Dr. John Zammit Montebello xehed ukoll fl-istess ġurnata "*l-allergic violates tista' tiżviluppa f'pulmary fibroses jiġifieri inti*

*jkollok allerġija, l-allerġija tibqa' għaddejja, u l-pulmun jibda jibbies*" u xehed fid-dettall dwar din il-kundizzjoni. (a fol. 705).

Fl-affidavit tiegħu l-Attur spjega li sabiex wieħed seta' jasal għad-dijanjożi tiegħu sarulu xi testijiet u anke ppreżenta r-riżultati fejn juru dawn it-testijiet (a fol 26 u 27 u minn 39 sa 41). Il-Professur Brendan Caruana Montaldo, li kien il-professur li ċċertifika lill-Attur, ukoll ikkonferma dawn it-testijiet kollha (a fol. 52).

**2. Il-kundizzjoni li kien ibati minnha l-attur hix attribwibbli għax-xogħol li kien jagħmel mas-soċjeta' konvenuta**

**a. Provi prodotti mill-partijiet li juru li din il-kundizzjoni hi attribwibbli għax-xogħol li kien jagħmel l-attur mas-soċjeta' konvenuta**

L-Attur ippreżenta diversi provi li juru li l-kundizzjoni li kien ibati minnha kienet purament konsegwenza tax-xogħol li kien jagħmel mas-Soċjeta' konvenuta.

L-ewwel nett, l-attur ippreżenta provi li l-Qorti tikkonsidra bħala oġġettivi peress li huma ta' speċjalisti fil-qasam mediku partikulari. Dawn il-provi huma tal-Professur Brendan Caruana Montaldo, li kien il-Professur li kien invista lill-attur, u ta' Dr. Mark Rosso, tabib speċjalizzat fix-xogħol, Occupation Physician, Speċjalist u jaħdem mal-OHSA.

Il-Professur Brendan Caruana Montaldo, li kien ra lill-attur, sostna f'ċertifikat miktub minnu li "*This is to certify that Mr Martin Viacava 428662m has been diagnosed with Chronic Extrinsic Allergic Alveolitis, which is related to his occupational work exposure to toxic fumes*" (a fol. 5, 34 u 42). F'dan is-sens, il-Professur Brandon Caruana

Montaldo jgħid illi l-unika problema li seta' jsib bħala dijanjożi hija li l-attur kien jaħdem xogħol bil-kimika mas-Soċjeta' konvenuta. Di fatti huwa jixhed hekk;

"… *staqsejtu jekk għandux xi chemical exposure u qalli li għandu dawn iż-żewġ chemicals Monocoat 816L u permalyse X20 li huma solvents u aħna nafu li hemm ħafna affarijiet li jistgħu jaffetwaw il-pulmun. Staqsejtu wkoll jekk għandux xi annimali bħal ħamiem għax jekk tkun hemm ċertu mard li tista' tkun minħabba xi annimali. M'għandux għasafar. Staqsejtu jekk qattx kien jaħdem mal-asbestos li hija xi ħaġa li ħafna drabi d-drydocks workers ikollhom exposure għall-asbestos. Jagħmel l-istess imma kellux u m'għandux hobbies fejn jagħmel xi ħaġa u juża xi chemicals. Solvents jew spray paints jiġifieri ma stajtx insib kawża tal-problema tal-pulmun minn barra, il-fatt li kien jaħdem ma' ċertu chemicals* …" (a fol. 52). Reġa' xehed l-istess fl-istess ġurnata iktar tard meta reġa' kien mistoqsi dwar id-dijanjożi tal-attur fejn xehed b'ċertezza s-segwenti (a fol. 54):

"*Qorti: U wara l-indaġini li għamilt, inti wasalt għall-konklużjoni illi il-kundizzjoni li għandu is-Sur Viacava hija attribwibli unikament għall-exposure, għal dawk il-kimici?*

*Xhud: Milli stajt nara, iva. Ma stajtx insib affarijiet oħrajn li jista' jagħmillu id-dannu*"

Il-Professur Brendan Caruana Montaldo xehed illi din il-kundizzjoni żgur li ma tistax tkun attribwita għall-fatt illi snin ilu l-attur kien ipejjep (a fol. 58).

Fit-23 ta' Settembru 2019, il-Professur Brendan Caruana Montaldo, reġa' xehed l-istess. Anzi ċċara fix-xhieda tiegħu tat-23 ta' Settembru 2019 illi l-kundizzjoni tal-Attur kienet ilha fuqu għal snin sħaħ u xehed ukoll għal darb'oħra bħal ma kien xehed fix-

xhieda ta' qabel li wasal għall-konklużjoni li din il-kundizzjoni ġiet żviluppata mix-xogħol minn dak li rrakkuntalu l-attur (a fol. 211, 212 u 213). Dan kollu jispjega għaliex l-attur kien ma jiflaħx fis-snin eżatt qabel ma għamel it-testijiet. F'dan ir-rigward huwa importanti dak li xehed Louis Farrugia, id-direttur u *Human Resources Manager* mas-Soċjeta' konvenuta, meta qal li " … *s-sick leave tas-Sur Viacava kien ogħla ħafna fl-aħħar snin tal-impjieg tiegħu, u partikolarment fis-snin 2015, 2016 u 2017* …" (a fol. 724). Dan huwa fattur korraboranti importanti għall-apprazzament tan-ness kawżali. Di fatti l-Professur Brendan Caruana Montaldo jikkonferma li Martin Viacava miet minħabba l-kimika li kien espost għaliha fuq il-post tax-xogħol (a fol. 770 u 771).

Huwa minnu li l-Professur Brendan Caruana Montaldo xehed fit-23 ta' Jannar 2019 li m'huwiex espert fuq il-kimika li kien espost għaliha l-attur għalkemm dejjem xehed li huwa ċert dwar x'ikkawża din il-marda fl-attur (a' fol 59). Pero', mix-xhieda ta' Dr. Mark Rosso jemerġi li ma setax ikun hemm dubju, ċertament fuq bażi ta' probabbilita' x'kienet il-kaġun tal-kundizzjoni tal-Attur u ċioe li dan kien espost għall-kimiċi użati u l-proċedura użatat mis-soċjeta' konvenuta fl-użu u l-applikazzjoni ta' dawn il-kimiċi.

Dr. Mark Rosso xehed l-ewwel darba f'dawn il-proċeduri fit-23 ta' Jannar 2019. Fir-rigward tal-proċedura użata mis-Soċjeta' konvenuta fejn jgħid illi ma jimpurtax jekk il-ħaddiema ma jkollhomx ilbies protettiv għaliex hemm sistema ta' *local exhaust ventilation* (a fol. 63). Pero' dan reġa' xehed illi l-aħħar assessment sar fis-sena 2017 fuq talba mill-OHSA biex jerġa' jsir (a fol. 63). Dan jixhed ukoll illi darba waħda biss sar *ventilation report* mis-soċjeta' konvenuta u li dan għandu l-*flaws* tiegħu (a fol 66 u 73).

Fir-rigward tal-kimiċi użati mis-Soċjeta' konvenuta, Dr. Mark Rosso xehed ukoll illi l-monocoat 15561 mhux kopert b'ebda *risk assessment* u jidher li ma kien hemm ebda talba mill-OHSA għal dan ir-rapport (a fol. 66 u 67). Dan jgħid li qatt ma sar test għall-isocyanates li hija kimika problematika u li tinħoloq meta jsiru polyurethane rings (a' fol 77 u 78). Dan jgħid li baqa' jsaqsi lis-soċjeta' konvenuta għal-lista ta' kimika li ma kinitix imniżżla fir-rapport u ra illi kien hemm żewġ kimiċi li huma Stuktol Permalease u Monocoat 816L li ma nqabdux fir-rapport (a fol. 68). Ikompli jispjega li anke eżempju il-monocoat 15561 li huwa *cleaning agent* ma nqabadx fir-rapport (a fol. 66 u 67). Ikompli jgħid li ż-żewġ kimiċi li setgħu kkawżaw il-kundizzjoni tal-Attur huma 'l hekk imsejħa isocyanates u aluminium u li fil-*brochure* tas-soċjeta' konvenuta l-isocyanates jissemmew (a fol. 76). Dan ix-xhud xehed ukoll is-segwenti:

"*Xhud: … Issa l-isocyanates imbagħad jiġu, hawnhekk qiegħda. L-isocyanates jiġu released fl-arja meta jiġu vulcanized dawn il-poluiterane O-rings jiġifieri bis-sħana stess joħorġu l-isocyanates, ftit ta', decomposition products. Therma decomposition products li jista' l-operatur jieħdu fin-nifs.*

*Qorti: Int qed tgħid li dan huwa parti mill-proċess li jsir fil-fabbrika Malta?*

*Xhud: Iva at one point ma nafx jekk hux qed isir bħalissa jew il-bieraħ jiġifieri jiena ma nafx imma jiena nista' ngħid li fil-passat poliuterane rubber ġie supplied il-fabbrika ta' Malta.*

*Dr Abigail Critien: … dan jidħol f'dan il-ventilation report?*

*Xhud: No Ma jaqbduħx.*" (a' fol 77).

Dr. Mark Russo jkompli jixhed b'iktar ċertezza li qatt ma sar test mis-Soċjeta' konvenuta għall-isocyanates u dan minkejja li jrid ikun hemm test speċifikat għalih (a fol. 78 u 79). Dan jixhed ukoll, illi l-marda tal-Attur setgħet ukoll ġiet żviluppata minn kimiċi ġodda (a fol. 80) u dan dejjem b'referenza għas-soċjeta' konvenuta (a' fol 80).

Dr. Mark Rosso reġa' qal, f'dokument li presenta li l-kundizzjoni tal-Attur hija minħabba x-xogħol li kellu (a fol. 121). Spjega x'inhu x-xogħol ta' persuna li taħdem fuq il-pressa, bħal ma kien ix-xogħol tal-Attur, u xehed illi "*il-fumes, l-iktar li tiwworjani fuqhom huma li huma carcinogenic … Jistgħu jagħmlu cancer fil-pulmun …*" (a fol. 116). Iżda agħar is-soċjeta' konvenuta ma nfurmatux fir-rigward ta' lbies li jkollhom il-ħaddiema bħala ilbies protettiv (a fol. 119) u ppreżenta wkoll żewġ ritratti fir-rigward (a' fol 119,125 u 126) minn fejn jidher ċar illi l-ħaddiema tas-soċjeta' konvenuta kienu lebsin shorts, flokk, safety shoes u nuċċali (a' fol 119 ,125 u 1.) Fir-rigward tal-kimiċi li jikkawżaw ħsara lill-bniedem, Dr. Mark Rosso ppreżenta dokument fejn ikkonferma li jsiru dawn il-polyurethane O rings hawn Malta mis-soċjeta' konvenuta li jiġu mill-isocyanates (a fol 119, 121 u 128). Dr. Mark Rosso xehed ukoll dwar spray li jintuża biex jinqala' l-biċċiet tar-rubber minn mal-metall u jgħid li " … *L-ispray staqsejt x'inhuwa … fih ilma imma x'hemm kimika fih … il-component tiegħu fis-safety data sheet mhuwiex hemm jiġifieri x'inhu essaġġ qisu, qisu company secret*" (a fol. 118). Ħareġ ukoll ċar mid-dokument ippreżentat minn Dr. Mark Rosso li l-*chemical risk assessment* sar biss waqt din il-kawża (a fol. 121).

Dr. Mark Rosso kkonferma għal darb'oħra fix-xhieda tiegħu tal-4 ta' Novembru 2019 li huwa seta' wkoll jikkonkludi li l-kundizzjoni tal-Attur ġiet kawża tax-xogħol (a fol. 226).

Seta' jasal għal din il-konklużjoni wara li ħares sew lejn il-kimika li tintuża mis-Soċjeta' konvenuta, lejn il-mekkaniżmi użati sabiex ikunu ċerti li dawn il-kimiċi ma jagħmlux ħsara lill-ħaddiem u anke lejn il-ħajja li kien jgħix l-Attur. Fil-fatt, huwa qal illi "*Għaliex waħda mir-raġunijiet għaliex ikkonkludejt li tax-xogħol, waħda hemm allergen fuq il-post tax-xogħol li sibna. It-tieni irid ikun hemm persistent load dose exposure. Persistent. Jiġifieri fuq il-post tax-xogħol dan qed imur kuljum. Qed ikun hemm, dejjem qed jagħmel l-istess proċess. Qed ikun hemm persistent load dose exposure" (a fol. 234) fejn fuq persistenza għaliex ma qgħadx idur kull allergen huwa rrisponda illi "… m'għaddejthomx imma l-organic, l-organic l-iktar komuni … il-ħamiem, annimali. M'għandu xejn. Dawk l-iktar. Animal proteins*" (a fol. 235).

F'din ix-xhieda tal-4 ta' Novembru 2019 huwa reġa' semma l-polyurethane li kien xehed fuqu fis-seduti ta' qabel u wkoll xehed illi allergen ieħor li sab fil-*chemical risk assessment* magħmul mis-soċjeta' konvenuta huwa 'l hekk imsejjaħ trimellitic anhydride jew phthalic anhydride u ċċara wkoll illi dan jinsab fis-soċjeta' konvenuta (a fol 227, 228 u 229). Dr. Mark Rosso xehed illi l-fatt illi ma kien hemm ħadd iżjed li rraporta dan ma jfissirx illi mhux minnu dak li kien qiegħed ibati minnu l-attur ma hux b'riżultat tax-xogħol għaliex "*jista' jkun hemm ħafna raġunijiet għaliex ma approwcjawx l-Awtorita' … Dana inzerta wieħed mill-ftit*" (a fol. 231 u 232).

Dr. Mark Rosso xehed ukoll dwar is-sistema tal-ventilazzjoni li tinsab ġewwa l-ambjenti tas-Soċjeta' konvenuta:

"*Dak General Exhaust Ventilation li mhuwiex tajjeb daqx l-LEV. Mhuwiex tajjeb, huwa l-ġenerali jiġifieri jiġbed l-arja kollha" (a fol. 236).* Reġa' ċċara dan il-punt iktar tard fix-

xhieda tiegħu meta qal illi *"… maqdru l-LEV fil-Chemical Risk Assessment. Maqdru*" u reġa' saħaq l-istess punt fix-xhieda tiegħu fuq li kien ħażin l-LEV (a fol 237 u 238). Apparti li jkun hemm low dose, importanti ferm ukoll illi "*l-ewwel nies iridu jiġu personal samplers. Iridu jiġu, personal samplers ma sarux. Ried isir Health Surveillance li ma sarx fil-kumpanija*" (a fol. 240). Spjega li s-soċjeta' konvenuta trid tibda tieħu ħsieb l-LEV u tibqa' nieżla għall-PPE, li huwa l-*personal protective equipment* (a fol. 241).

Dr. John Zammit Montebello, it-tabib tas-Soċjeta' konvenuta, ikkonferma li l-attur ma kellux annimali d-dar (a fol. 706) u li għalkemm ma qabilx mal-Professur Brendan Caruana Montaldo u Dr. Mark Rosso, u ma eskludiex li l-allergen bħala waħda mill-possibilitajiet li setgħu ikkaġunaw il-kundizzjoni tal-Attur (a' fol 706).

Inoltre', l-Attur ukoll ġab provi li s-Soċjeta' konvenuta ma mxietx mal-protokol li kellha timxi għall-ħarsien tal-ħaddiema tagħha lil hinn minn esperti. Xhieda ta' persuni li jaħdmu mas-soċjeta' konvenuta wkoll xehdu dwar il-protokol tas-soċjeta' konvenuta li jidher li ma kienx għall-ħarsien tal-ħaddiem kif kellu jkun. F'dan ir-rigward, il-Qorti setgħet tara dawn l-provi:

1. Filwaqt illi l-partijiet kollha jaqblu li l-attur kien jaħdem fuq il-pressa fis-sezzjoni imsejħa l-FIS, il-partijiet ma qablux x'kien jagħmel eżatt sabiex ikun determinat kemm kien espost għall-kimiċi l-attur. F'dan ir-rigward, Kevin Mannie, li kien jaħdem mas-soċjeta' konvenuta, xehed illi "*His actually job was a moulder. He used to work on the machines, moulding parts, manufacture the parts. For the last ten years that he was employed he use to work day work only … but as a day worker I would give him many other jobs to do in the mean time,*

*mainly cleaning and supply this*" (a fol. 777). Qal ukoll illi meta s-*shift leader* ma kienx ikun preżenti kien ukoll jisprejja l-magni (a fol. 778). Imma Fiona Darmanin, li taħdem mas-Soċjeta' konvenuta bħala *Environment Health and Safety Manager*, xehdet illi l-Attur ma kienx jisprejja u l-istess ipprova jgħid fix-xhieda tiegħu Ivan Galea, li jaħdem bħala *Operations Manager* mas-soċjeta' konvenuta (a fol.820 u 855). Pero' fl-istess nifs xehed illi l-Attur kien "*… jippurja l-mold releases … kien hemm il-permalease 20 … U għandna l-monocoat 816 L*" (a fol. 855). Għalhekk kien ikun espost għal din il-kimika li skond hu għal "*… forsi thirty seconds biex jippurja żewġ cans darba kuljum, u l-ieħor kien jippurjaw darba kull xahar għax kien trial*" (a fol. 856). Fiona Darmanin, li kienet imbagħad saret Tedesco waqt is-smiegħ tal-kawża, xehdet illi l-attur kien jagħmel spraying u pouring (a fol. 967). B'dan ifisser, illi l-attur kien verament espost għal kimiċi użati mis-Soċjeta' konvenuta, u dan kif dejjem sostna l-Attur.

2. L-Attur qal fl-affidavit tiegħu li wara li nfurma lis-soċjeta' konvenuta bil-problema ta' saħħa tiegħu u talab għal maskri, is-Soċjeta' konvenuta "*ġabu maskli tal-karti li ma jservu xejn u ma jilqgħu xejn (b'dan li ġieli mort l-store u ma sibthomx available lanqas). Pero' meta ġew tali maskli kien diġa' tard wisq għalija …*" (a fol. 29). Fiona Darmanin, li taħdem mas-soċjeta' konvenuta bħala *Environment Health and Safety Manager*, ikkonfermat dwar il-fatt illi l-Attur staqsiha għal maskra u qalet illi l-attur "*Staqsieni biex intih maskra tajba ta' prevenzjoni sabiex jilbisha waqt il-ġurnata tax-xogħol tiegħu*" (a fol. 720). Dan jikkontrasta ħafna mal-fatt illi l-istruzzjonijiet mogħtija lill-ħaddiema mis-Soċjeta' konvenuta ma jsemmu xejn dwar il-maskri u dan kif jidher mill-kopja tal-

imsemmija struzzjonijiet li tinsab (a fol. 152). Il-Qorti għalhekk tqis illi jekk qatt huwa minnu li ma kienx hemm bżonn li l-ħaddiema jilbsu l-maskri din kienet tirrispondi lill-Attur li ma kellux għalfejn jilbes maskra u mhux tatu maskra.

3. Fiona Darmanin, li taħdem mas-soċjeta' konvenuta bħala *Environment Health and Safety Manager*, qalet fl-affidavit tagħha li l-ħaddiema qed jintbagħtu għal testijiet għand it-tobba u li dawn it-tibdiliet saru proprju minħabba l-*chemical risk assessment report* (a fol. 722). Fl-istess affidavit tgħid li wkoll saru t-tibdiliet neċessarji fl-LEV skond dak mitlub minn Prof. Vella, li kien il-persuna li pprepara l-*chemical risk assessment* (a fol. 722). Dan juri, li minkejja li Fiona Darmanin ippruvat tgħid illi s-sistemi tas-soċjeta' konvenuta huma tajbin, ma jidhirx pero' li kienu adegwati sabiex jipproteġu s-saħħa tal-ħaddiem.

4. Fiona Darmanin xehdet is-segwenti:

"*Dr. Stephen Thake: … Mela, semmejna s'issa l-whatever, r-rubber fumes, permalease u monocoat, dawn huma żewġ kimiċi li ssemmew ukoll … X'taf tgħidilna dwar l-exposure tiegħu u l-effetti ta' l-exposure tas-Sur Viacava, għal dawn iż-żewġ kimiċi jekk jogħġbok?*

*Xhud: Mela dawn iż-żewġ chemicals huma mold release issa dawn jintużgħu bħala chemicals, u jiġu sprejjati fuq il-pressa, fuq it-tul …*

*Imħallef: Dawk is-sustanzi għandhom xi effett fuq il-ħajja umana?*

*…*

*Xhud: Jekk inti ħa toqgħod tinhalja, waħedha iva …*

*Imħallef: X'jiġri if you inhale?*

*Xhud: If you inhale as is hemm ċerti riskji, li jistgħu jinqalgħu.*

*Imħallef: Bħal xiex għidilna.*

*Xhud: Forsi xi allerġija …*

*…*

*Imħallef: Apparti l-allerġija tista' tikkawża xi ħaġa oħra?*

*Xhud: Ħsara, tikkawża ħsara in ġenerali jiġifieri*" (a fol. 817)

Skond din il-Qorti din il-parti tax-xhieda ta' Fiona Darmanin issaħħaħ il-konvinċiment tat-tobba fuq imsemmija u ċioe' li l-kaġun tal-marda tal-Attur kienu propjament dawn il-kimiċi.

5. Fiona Tedesco esebiet is-*safety fact sheet* tal-Struktol Permalease 20 illi juri li hemm miktub "*In case of brief exposure or low pollution use respiratory filter device*" filwaqt illi s-*safety data* jistabilixxi li dan ma għandu bl-ebda mod ikun *inhaled* (a fol. 835 , 839 sa 848). Jirriżulta wkoll li "*Use respiratory protection unless adequate local exhaust ventilation is provided or exposure assessment demonstrates that exposures are within recommended exposure guidelines*" (a fol. 842). Dan ifisser illi maskra żġur li kienet tkun ta' prevenzjoni għall-ħaddiema.

6. Fiona Tedesco ukoll xehdet fid-29 ta’ Novembru 2022 illi “*Harmful ħa jkun hemm f’kull materjal* …” (a fol. 872).

7. Fiona Tedesco xehdet illi fi żmien l-Attur kien hemm biss *area monitoring* u mhux *personal monitoring* (a fol. 967) u li saru testijiet fuq dawn iż-żewġ kimiċi matul il-kawża (a fol. 967, 968). Xehdet ukoll li fl-istess ġurnata l-Attur kien jagħmel spraying u pouring (a fol. 967).

8. John Cini, li xogħlu huwa li jixtri l-kimika mas-soċjeta’ konvenuta, ipprovda listi ta’ kimiċi li kienu nxtraw mis-soċjeta’ konvenuta tul dawn l-aħħar għoxrin sena sad-data tax-xhieda tiegħu (a fol. 788). Dan xehed ukoll illi l-monocoat 8162 mhux fil-lista pero’ għalkemm il-permalease 20 mhux fil-lista iżda dan “… *jinxtara b’mod indirett … Jiġifieri jinxtara biex jintuża direttament fuq il-pressa bħala mould release* …” (a fol. 790). Fil-fatt, John Cini jgħid li l-monocoat 816 L u l-permalease X20 jinxtraw minn Ħal Far u ċioe’ minn fejn kien jaħdem l-Attur u reġa’ kkonferma l-istess iktar tard fl-istess xhieda (a fol. 955 u 957). Dan xehed li l-Attur kien jaħdem Ħal Far (a fol. 960). Għalhekk bix-xhieda ta’ din il-persuna ġie pprovat li dawn iż-żewġ kimiċi li l-esperti kkonkludew li ħolqu l-kundizzjoni lill-Attur kienu jintużaw mis-soċjeta’ konvenuta.

9. Dr. George Peplow, gradwat fil-kimika (a fol. 932), xehed fl-14 ta’ Frar 2023 is-segwenti, a fol. 936:

“*Qorti: Issa dawn it-tip ta’ vapour, dan li kont se nistaqsik, mhux qed ngħidlek jekk hux ta’ hsara, jistax ikun ta’ hsara għall-bniedem?*

*Xhud: Jista' jkun ta' hsara Sur Imhallef, jekk il-livelli jeċċedu l-limits legali*."

Dr. George Peplow xehed ukoll illi " … *jekk jittiehdu over an eight hour working period, hemm formula apposta biex tkun taf jekk dan huwiex ġustifikat*" mingħajr pero' ma speċifika x'inhu dan it-test u jekk sarx mis-soċjeta' konvenuta (a' fol 938);

10. Louis Farrugia xehed illi qatt ma semgħu b'każ bħal tal-attur pero' fl-istess nifs xehed is-segwenti:

"*Dr. Chris Vella: Imma naqblu li ma tistax teskludi li jista' jkun li kien hemm impjegati li ma rrapurtawx dan magħkom jew li ma għamlux claim magħkom? U kellhom din il-kundizzjoni.*

*Xhud: Ma nistax ngħid*." (a' fol 950).

11. Xehed Victor Caruana li kien jaħdem mas-soċjeta' konvenuta li l-ħaddiema kienu jilbsu biss it-tappijiet fil-widnejn u n-nuċċalijiet u li meta tinfetaħ il-pressa joħorġu d-dħaħen (a fol. 196 ,197 817).

**b. Provi prodotti mill-partijiet li juru li din il-kundizzjoni ma hix attribwibbli għax-xogħol li kien jagħmel l-attur mas-soċjeta' konvenuta**

Min-naħa tagħha s-soċjeta' konvenuta ressqet diversi persuni li jaħdmu magħha sabiex turi li l-proċedura minnha addottati huma skond dak mitlub bil-Liġi.

Dr. John Zammit Montebello, li huwa t-tabib tas-soċjeta' konvenuta jgħid illi s-Soċjeta' konvenuta qatt ma kellha każ bħal tal-attur (a fol. 705). Dan jgħid illi din l-allerġija tista'

sseħħ minħabba xi annimali jew xi trab u anke kimika jew anke l-lokalita' u l-arja (a fol. 706). Iżda l-Qorti tfakkar li rriżulta li l-Attur ma kellux annimali d-dar. Dan ix-xhud jgħid illi l-livelli ta' dawn iż-żewġ kimiċi li ssemmew tul is-smiegħ tal-kawża kienu skond l-i*standards* (a fol. 929). Iżda sinjifikanti meta jgħid li "*Li kieku m'hemmx livelli aċċettabbli għandek il-problema ta' irritazzjoni fil-pulmun u sogħola* …" (a fol. 929).

Inoltre, Neville Grima, li hu *maintenance and facilities manager*, preżenta dokument ippreparat minn Dr. George Peplow li jikkonkludi li "*The following table shows the spread of the results of the levels of rubber fume particles measured at the respective sites. All the samples gave results which were below the levels of rubber fumes indicated in the HSE exposure limits*" (a fol. 192 u 193). Dan huwa r-risk assessment datat 2017. Neville Grima preżenta wkoll kopja tal-*chemical risk assessment* datat April 2019 (a fol. 153 sa 191). Dan ix-xhud jgħid li t-testijiet kollha juru l-effiċjenza tas-Soċjeta' konvenuta (a fol. 710 sa 715).

Fiona Tedesco, li taħdem mas-soċjeta' konvenuta bħala *Environment Health and Safety Manager*, qalet illi s-sistemi kienu kollha tajbin u li kienu ġew addottati mis-soċjeta' konvenuta (a fol. 721). Qalet ukoll illi l-ħaddiema qed jintbagħtu għal testijiet għand it-tobba u sa dakinhar li xehdet qatt ma nstab xi problemi f'xi impjegat (a fol. 722). Fiona Tedesco terġa' tgħid illi s-Soċjeta' konvenuta għandha sistema ta' LEV U GEV tajbin u effiċċjenti (a fol. 812 sa 816). Kompliet tixhed illi saru testijiet fuq iż-żewġ kimiċi, Struktol Permalease u Monocoat 816 L, u li qalet li kull wieħed ikun magħmul minn kimiċi oħra u li saru t-testijiet rispettivi u li l-użu tagħhom huwa biss għal ftit minuti

(a fol. 871). Xehdet ukoll li t-test sar eżatt kif kien jaħdem l-Attur u li r-riżultati huma sodisfaċenti (a' fol 875).

Dr. Peter Fsadni, li kien wieħed mit-tobba li kien isegwi lill-Attur, xehed illi l-kundizzjoni tal-Attur kienet waħda kronika (a fol. 749). Pero', qal ukoll illi hemm diversi raġunijiet li jistgħu jwasslu għal din il-kundizzjoni, fosthom meta wieħed ikun espost għall-ħamiem jew għall-kimika (a fol. 749). Iżda l-anqas seta' jgħid li żgur mill-kimika jew mil-liema kimika (a fol. 749).

John Cini, li xogħlu huwa li jixtri l-kimika mas-soċjeta' konvenuta, jgħid illi "… *polyurethane Malta ma jinxtarax*" (a fol. 772) għalhekk l-anqas ma jixtru l-isocyanate (a fol. 772 u 773) "*Għaliex dak huma parti mill-cure system tal-polyurethane* …" (a fol. 773). Ix-xhieda tiegħu kienet dwar dawn iż-żewġ kimiċi li huma l-monocoat u l-permalease. Pero', John Cini xehed illi l-monocoat u l-permalease "… *huma sprays komuni li jintużaw fuq il-magni … jintużaw bħala sprays ġol-presses. Iġifieri dan huwa mold release*" (a fol. 957) u kkonferma li "*bilfors" jintużaw*" (a fol. 960).

Kevin Mennie, ħaddiem mas-soċjeta' konvenuta, jgħid illi "*Martin was always an active employee … he was always on his feet, moving about* …" (a fol. 779). Iżda fl-istess waqt xehed ukoll illi meta tkellem ma' Martin "*he was short of breath*" (a fol. 779). Dan qal ukoll illi qatt ma sema' lil xi impjegat li bata bl-istess kundizzjoni tal-Attur (a fol. 779). Kevin Mennie xehed illi "… *I think he smoked for long stage but he quits long time earlier*" u illi "*As soon as he got the condition he informed the works stopped*" (a fol. 782,783).

Mark Laferla, li huwa l-*managing director* ta' Laferla Insurance Agency, ma' liema is-soċjeta' konvenuta għandha *employers liability insurance*, xehed illi "… *mit-2009 lil hawn qatt ma kien hemm ebda każ*" (a fol. 787).

Ivan Galea, li jaħdem bħala *Operations Manager* mas-Soċjeta' konvenuta, qal illi kienu pprovdew biss nuċċalijiet (a fol. 859 u 860) għaliex qatt ma xamm ebda riħa (a fol. 859 u 860).

### c. Evidenza kunfliġġenti

Rinfaċċjata b'dawn il-verżjonijiet differenti, il-Qorti hija munita bid-diskrezzjoni biex tasal għall-konklużjoni għal-liema mill-versjonijiet hija l-aktar waħda verosimili. Fis-**Sentenzi fl-ismijiet Eucaristico Zammit -vs Eustrachio Petrococchino tal-Qorti Kummerċjali tal-25 ta' Frar 1952 u dik fl-ismijiet Paul Vassallo -vs- Carmelo Pace tal-5 ta' Marzu 1986** ġie ritenut li l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. Di piu' huwa dmir ta' din il-Qorti li tevalwa l-provi kollha u tasal għall-konklużjoni dwar liema waħda mill-versjonijiet hija l-aktar kredibbli, verosimili u attendibbli. Kif tagħmel hekk ikollha tistrieħ fuqha daqs li kieku hija s-sewwa assoluta. F'ċirkostanza bħal din, din il-Qorti hija konfortata minn lista twila ta' Sentenzi fosthom dik fl-ismijiet **Moira Galea -vs-Michael Zerafa, Appell, 6 ta' Ottubru 2000, Qorti tal-Appell** fejn

intqal li *"…..jassumu rilevanza spiss determinanti b'provi ċirkostanzjali, materjali u fattwali li jagħtu piż korroborattiv lill-versjoni u mhux lill-oħra u li allura jirrendu verżjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-oħra. Elementi ta' prova dawn, li proprju għaliex newtri, oġġettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-ġudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-versjonijiet konfliġġenti tal-partijiet…."* Li kieku din il-Qorti kellha ċċaħħad dritt lil xi parti minħabba konfliġġenza fil-versjonijiet tkun qiegħda tabdika mill-obbligu tagħha li tagħmel ġustizzja.

Għalhekk b'dan it-tagħlim quddiem għajnejha din il-Qorti rinfaċċjata b'din is-sitwazzjoni ta' verżjonijiet kunfliġġenti, trid tevalwa jekk il-provi prodotti jistgħux jagħtu piż aktar verżjoni jew oħra. Mill-evidenza prodotta hawn fuq, il-Qorti tqis illi l-kundizzjoni tal-Attur hija attribwita għax-xogħol li kien jagħmel mas-soċjeta' konvenuta. Is-soċjeta' konvenuta naqset milli tħares il-*benessere* tal-attur bħala ħaddiem tagħha, u dan wara li qieset l-evidenza kollha, fosthom ta' esperti li ma kienu bl-ebda mod impjegati mas-soċjeta' konvenuta.

Il-Qorti setgħet tasal għal din il-konklużjoni anke wara li ħarset lejn il-Liġi. Il-Qorti partikularment l-Att Dwar l-Awtorita' Għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Artikolu 6 (1) tal-imsemmija Liġi jipprovdi li "*Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem*." Il-Qorti tiċċara li dan il-Kap tal-Liġi m'għadux fis-seħħ mis-26 ta' Novembru 2024, fejn illum hemm l-Att Dwar is-Saħħa u s-Sigurta' Fuq il-Post tax-Xogħol, Kap. 646 tal-Liġijiet ta' Malta, li pero' jirreplika s-sens tal-Artikolu 6 (1) hawn imsemmi taħt l-Artikolu 12. Biss pero', il-Qorti

trid tapplika l-liġi li kienet *in vigore* meta seħħ l-akkadut li wassal sabiex l-attur kellu eventwalment jitlaq mix-xogħol.

Iktar fid-dettall fir-rigward tal-leġiżlazzjoni li huma wkoll applikabbli għal dan il-każ in eżami, il-Qorti ħarset lejn il-L.S. 424.24 li hija r-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa u s-Sigurta' tal-Ħaddiema minn Riskji Relatati ma' Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol. Fost oħrajn, ir-regolament 6 (1) jipprovdi illi "*Il-prinċipal għandu jiżgura illi r-riskju minn aġent kimiku perikoluż għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol jiġi eliminat jew imnaqqas għall-minimu*" filwaqt illi r-regolament 6 (2) (b) jipprovdi Illi "*Meta x-xorta tal-attività ma tippermettix li r-riskju jiġieliminat b'sostituzzjoni, filwaqt li titqies attività u l-evalwazzjoni tar-riskju msemmi fir-regolament 4, il-prinċipal għandu jiżgura illi r-riskju jitnaqqas għall-minimu permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri protettivi u preventivi, konsistenti mal-evalwazzjoni tar-riskju magħmul konformement mar-regolament 4.*" Din il-L.S. 424.24 mis-sena 2024 tinsab bħala L.S. 646.16 fejn din il-L.S. 646.16 hija replika tal-L.S. 424.24.

Fir-rigward tal-ġurisprudenza, imbagħad, il-Qorti tqis illi l-ġurisprudenza deċiża tul is-snin tista' dejjem tibqa' applikabbli, għaliex l-obbligi ta' min iħaddem ma nbidlu qatt. Għaldaqstant, il-Qorti ser tirreferi għas-sentenza ***Mario Galea detentur tal-karta tal-identita` numerata 29064 (M) vs (1) Malta Freeport Terminals Limited (C27581) (2) John Aquilina ID 513080M*, deċiża fid-19 ta' Ottubru 2021** fejn il-Qorti kkonkludiet illi "*Min ihaddem għandu jiehu taht il-kontroll tiegħu s-sit fejn ikun se jibgħat il-haddiema tiegħu u jivverifika hu li dak is-sit mhux konduċenti għal perikli għas-sahha*

*tal-haddiema tiegħu. Huma dover ta` min ihaddem li jispezzjona l-post, jevalwa r-riskji involuti u jinsisti mal-imprenditur li jagħmel ix-xogħolijiet mehtieġa biex inehhi kull riskju ta` periklu; jekk l-imprenditur ma jkunx irid jikkoopera, allura min ihaddem għandu jirrifjuta jesegwixxi x-xogħol u jesponi l-haddiema tiegħu għal perikli. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "Bugeja vs Montanaro Gauci", deċiża fl-14 ta` Mejju, 2004, "huwa daqstant importanti fil-kuntest ta` responsabbilita` li l-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċkenn possibilita` ta` infortunji fuq ix-xogħol. Dan l-obbligu huwa ġeneralment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi 'a safe place of work'"." (Mayor Scicluna v. TN Waterproofing Ltd, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 20 ta' April 2007; ara wkoll Katerinu Farrugia vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et, Qorti Ċivili Prim' Awla, 15 ta' Marzu 2017; Raymond Zarb vs Industrial Projects Services Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla 26 ta' Mejju 2016).*"

Dan iwassal ukoll sabiex il-Qorti tikkonkludi li ġja ladarba s-soċjeta' konvenuta hi responsabbli għall-kundizzjoni tal-Attur, l-Attur kellu jkun fuq *injury leave* u jitħallas tal-ġranet li ma setax jaħdem u mhux kif ippruvat tallega s-Soċjeta' konvenuta li dan kellu jkun *sick leave*. Fil-fatt, anke s-Sigurta' Soċjali rat illi l-attur għandu jkun fuq *injury leave* (a fol. 735).

**3. Danni sofferti mill-attur**

Ġja ladarba l-Qorti kkonkludiet illi l-kundizzjoni tal-attur kienet ikkawżata minħabba x-xogħol li kellu mas-soċjeta' konvenuta, il-Qorti trid issa tiddetermina l-ammont ta' danni sofferti mill-attur li għandhom jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.

Il-Qorti tqis dak li hija qalet fis-sentenza ***Stephen Sultana [KI 480268M] vs Karl Buġeja [KI 185187M]*** fejn ikkonkludiet illi "*Jibda biex jingħad li f'każ ta' risarċiment ta' danni bħal dak li qed jitlob l-Attur fiċ-ċirkostanzi l-prinċipju bażiku huwa dak li dan jitqiegħed fil- posizzjoni li kien qabel l-inċident. Fi ftit kliem huwa applikabbli l-prinċipju tar-restitutio ad integrum.* (Ara **Sentenza tal-Prim Awla per il-kompjant Imħallef Lino Farrugia Sacco tal-5 ta' April, 2011 fl-ismijiet Mario Caruana -vs- Marsovin Limited)." 18 ta' Jannar 2024, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 143/20. Vide wkoll fost oħrajn Valentino Lanzon vs Roberta Bellizzi Atlas Insurance Limited deċiża fil-21 ta' Novembru 2024, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 194/21 u Emmanuel Catania (KI 83667M) vs Palumbo Malta Shipyard Limited (C 48983) deċiża fl-1 ta' Ġunju 2022, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 791/2014)**

Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Il-Qorti ħarset lejn l-Artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi li "*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.*"

F'dan ir-rigward, il-Qorti rat illi l-Attur ippreżenta nota fir-rigward tad-danni kollha fl-10 ta' Jannar 2019 (a' fol. 44 u 45). L-Attur ippreżenta nota oħra fl-10 ta' Mejju 2019 (a' fol. 133 u 134). Biha juri ammont *aggorbat* fejn kien hemm *update* fir-rigward ta'

*damnum emergens*. F'dan ir-rigward preżenta *breakdown* ta' pagamenti relatati mal-*injury* (a fol. 135). L-attur preżenta nota oħra fis-7 ta' Lulju 2019 fejn kien hemm update ieħor in sostenn ta' telf effettiv ossia *damnum emergens* (a fol. 200).

Il-Qorti rat ukoll dak li qalet Marlene Viacava, mart l-attur, fejn saħqet illi "*Bħala familja aħna kellna dħul ta' madwar €1,000 fix-xahar apparti l-overtime li fit-Trelleborg kien b'abbundanza u għalhekk Martin kien jagħmel ħafna overtime. Illum -il ġurnata irridu ngħixu b'madwar €400 fix-xahar, id-dħul li għandu mill-benefiċċju tal-mard*" (a fol. 32).

Ġja ladarba ser tikkunsidra separatament, dawn iż-żewġ tipi ta' danni

**a. Damnum Emergens**

Minbarra l-Artikolu tal-Liġi hawn fuq imsemmi, il-Qorti wkoll tirreferi għas-sentenza ***Stephen Dimech [K.I. 76349(G)] u martu Dolores Dimech [K.I. 76151(G)] għal kull interess li jista' jkollha vs Leighton Pisani [K.I. 451575(M)]*** fejn il-Qorti kkonkludiet illi "*Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"telf effettiv li l egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali"... Kif diġa' rilevat dan jirrigwarda ħsara effettiva u attwali li sofra l-Attur b'konsegwenza tal-inċident*."

L-Attur qal fl-affidavit tiegħu li "*Jiena ħriġt bis-sick leave fl-4 ta' Lulju tas-sena 2018 u għadni fuq unpaid sick leave sal-lum. Il-kumpanija waqfu jħallsuni u waqfu jħallsuli l-bolla wkoll* …" (a fol. 28). Qal ukoll fl-istess affidavit illi "*Minħabba dan kollu jien s'issa diġa' ħriġt madwar €1,600 f'testijiet u spejjeż mediċi* …" (a fol. 28). L-Attur ippreżenta

wkoll kopja tal-formoli li juri li kellu bżonn jieħu l-ossiġnu d-dar u anke l-karta tad-diżabilita' (a fol. 140 sa 151).

F'dan ir-rigward, il-Qorti rat illi l-Attur preżenta s-segwenti dokumentazzjoni sabiex juri t-telf effettiv:

1. Irċevuti li huma tal-isptar Saint James u Verdala Pharmacy fl-ammont ta' **€ 222.33** (a fol. 46);

2. Irċevuta mingħand il-Poligas Ltd. fir-rigward tal-ossiġnu li kellu bżonn jieħu l-attur fl-ammont ta' **€ 93.00** (a fol. 47);

3. Irċevuta mingħand il-Professur Brendan Caruana Montaldo fl-ammont ta' **€ 500.00** (a fol. 48);

4. *Statement of Account* li juri l-ammont ta' paga li l-attur kellu jirċievi mingħand is-soċjeta' konvenuta għaliex kien fuq *injury leave* u mhux *sick leave* u dan huwa fl-ammont ta' **€ 7,281.15** (a fol. 135 u 740);

5. Irċevuta fir-rigward tal-ossiġnu li kien jieħu l-attur fl-ammont ta' **€ 3,000.00** (a fol. 202 u 203); b'hekk l-ammont ta' damnum emergems jammonta għal **€ 11,096.48.**

Il-Qorti rat illi Louis Farrugia, li kien *HR Manager* u direttur tas-soċjeta' konvenuta, xehed fit-22 ta' Ġunju 2023 illi hemm kawża pendent fir-rigward tal-paga ta' € 7,200 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (a fol. 948), indikati fil-punt numru 4 hawn fuq. Pero', il-Qorti rat illi s-Soċjeta' konvenuta ma ġabet ebda prova li din it-talba ġiet deċiża u li

hemm *res judicata* minn Qorti oħra diversement presjeduta. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi trid tieħu dan l-ammont imsemmi fin-numru 4 fil-kalkoli tagħha.

### b. Lucrum Cessans

Minbarra l-Artikolu tal-Liġi hawn fuq imsemmi, il-Qorti wkoll tirreferi għas-sentenza **Valentino Lanzon vs Roberta Bellizzi u Atlas Insurance Limited 21 ta' Novembru 2024, Prim'Awla Qorti Ċivili**, fejn il-Qorti kkonkludiet illi "*Fil-waqt li lucrum cessans jikkonsisti fit-"telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak legħmil seta' jġib." Kif ingħad is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-subinċiż 2 tal-imsemmi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili: "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja." (Ara Sentenza fl ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005)"* u fejn il-Qorti f'din is-sentenza tiispjega wkoll f'aktar dettall il-prinċipju tal-*lucrum cessans* waqt li ukoll tirreferi għal awturi barranin. Fil-fatt, fis-sentenza hawnhekk ċitata, il-Qorti wkoll ikkonkludiet illi "*Il-mod kif jiġu kalkolati d-danni futuri ġew stabbiliti fil-kawża illum ormai klassika ta' Butler -vs- Heard. Jista' jkun li*

*din il-Kawża ma stabbilitx l-aqwa kriterji possibbli, iżda sa issa provdiet l-aħjar kriterji għal kalkolu tad-danni. Ovvjament dawn il-prinċipji evolvew maż-żmien permezz ta' pronunzjamenti oħra ta' dawn il-Qrati bħal dik ċitata aktar 'l fuq. Fil-qosor dawn huma l-prinċipji: Kwantu għal kalkolu fuq medda ta' żmien imsejjaħ multiplier illum huwa stabbilit li dan għandu jkun mill-eta' mill-mument tal-inċident sal-eta ta' pensjoni u ċioe' ta' 65. F'dan il-każ meta seħħ l-inċident l-Attur kellu 47 sena (ara a' fol 41 tergo). Dan mhux prinċipju fiss fis-sens, li tul ħajja ta' bniedem hemm diversi fatturi li jiddeterminaw il-lonġevita' partikularment fid-dawl tal-avvanz tal-mediċina fil-kura tas-saħħa ... Fl-aħħar nett irid jingħad ukoll li ġia la darba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, jittieħed inkonsiderazzjoni li fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa ser jitlef il-valur magħruf bħala "purchasing power" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Indeximperfect instrument it may be, it is the best we have" ... Kif ingħad ma' dan l-ammont għandu jiżdied ammont ieħor li għandu jagħmel tajjeb għall-inflazzjoni tal-prezzijiet li din il-Qorti ser tiffissa fl ammont ta' €1500 ewro.*"

Il-Qorti tqis ukoll dak li ntqal fis-sentenza **Stephen Sultana [KI 480268M] vs Karl Buġeja [KI 185187M] tat-23 ta' Jannar 2025**, **Prim'Awla Qorti Ċivili** fejn il-Qorti hekk presjeduta qalet illi "*Huwa ukoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Fil-każ tal-lum l-inċident seħħ*

*fit-13 ta' Lulju 2018. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il qasam qegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.*" Biss pero' fl-istess sentenza, il-Qorti wkoll ikkonkludiet illi "*Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident kif diġa; aċċennat aktar 'l fuq*."

Fis-sentenza hawn fuq ċitata, ***Stephen Sultana [KI 480268M] vs Karl Buġeja [KI 185187M],*** imbagħad il-Qorti qieset il-perċentwal tad-diżabiita' fejn ikkonkludiet illi "*Fl-aħħar nett huwa importanti li jkun stabbilit il-perċentwal ta' diżabilita' offerti mill-Attur abbażi ta' eżami mediku tal-persuni kompetenti fil-qasam.*" Dan ifisser li l-Qorti trid tħares lejn il-paga tal-attur, il-perċentwal tad-diżabilita' minnu soffert u anke 'l hekk imsejjaħ *multiplier*. U dan sabiex ikunu wkoll applikati l-prinċipji fil-każ ta' **Butler -vs- Hurd**, kif ilhom hekk jiġu applikati għal deċenni sħaħ minn dawn il-Qrati.

Fir-rigward tal-ammont tal-paga, sad-data tar-riżenja, hemm karti uffiċjali tas-Sigurta' Soċjali li juru l-paga li l-Attur kien intitolat għaliha mis-soċjeta' konvenuta bħala *injury leave* (a fol. 135 u 740). Għaldaqstant, dan l-ammont ser ikun qed jitnaqqas mill-ammont ta' *lucrum cessans* għaliex dan l-ammont ta' benefiċċju diġa' ittieħed in konsoderazzjoni bħala *damnum emergens*. Il-Qorti tirrileva wkoll illi dan l-ammont ta' paga bħala *injury leave* huwa parti mill-paga skond l-Att Dwar is-Sigurta' Soċjali, Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt,

Artikolu 2 tal-imsemmi Att jagħti definizzjoni ta' paga bħala dik "*Il-paga jew salarju totali li jitħallsu lil persuna mpjegata minn jew għan-nom tal-prinċipal tagħha b'esklużjoni ta' kull rimunerazzjoni għal overtime, xi forma ta' bonus, xi allowance żejda, xi rimunerazzjonili m'hijiex flus u kummissjonijiet*". L-Att imbagħad jgħaddi biex jgħid liema huma l-*allowances* u liema huma l-benefiċċji.

Fir-rigward tal-paga, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni ai fini ta' paga li kien l-ammont ta' € 25,907 fis-sena 2017 (a fol. 13).

Fir-rigward tal-*multiplier*, il-Qorti tqis illi d-data ta' meta l-attur ġie ċċertifikat li weġġa' fuq ix-xogħol hija t-28 ta' Awwissu 2018 (a fol. 6 u 737). Huwa miet fid-29 ta' Marzu 2020 skond iċ-ċertifikat tal-mewt. Għaldaqstant, is-snin jammontaw għal sena u seba' xhur (a' fol 333).

Fir-rigward tal-perċentwal tad-diżabilita', il-Qorti qieset bir-reqqa d-dokument iffirmat mill-Professur Brendan Caruana Montaldo fejn iċċertifka lill-attur "*b'diżabilita' ta' bejn il-11% u t-23%*" (a fol. 7). Il-Qorti ħarset ukoll lejn ix-xhieda tal-imsemmi Professur fejn fit-23 ta' Jannar 2019 qal li l-perċentwal tad-diżabilita' "… *probabli around seventeen (17) per cent*" (a fol. 53). Il-Professur iċċara wkoll is-segwenti:

"*Dr Abigail Critien: … Jekk niehdu sena, sentejn ohra kif tipprospetta li jkun?*

*Xhud: Probabbli il-persentaġġ tad-diżabilita' tkun agħar għax hafna drabi il-funzjoni tal-pulmun tnaqqaslek bl-eta jiġifieri jekk għandek mard u ġieli jkun hemm nies, mhux qed ngħid fil-każ tiegħu għax hadd ma jista' jgħid x'ha jiġri fil-*

*futur imma jkun hemm nies li allavolja ma jkollhomx exposure, ftit ammont ta' hsara jibqagħlhom u tkompli tiggrava biż-żmien.*". Ikompli jispjega li l-unika soluzzjoni kienet ser tkun trapjant tal-pulmun (a fol. 54) fejn fil-fatt xehed illi "*Allavolja m'għadux exposure għal dawn il-chemicals, ic-chances are li minhabba l-fatt li bl-eta' stess tnaqqaslek il-funzjoni tal-pulmun, fl-opinjoni tiegħi il-kundizzjoni tiegħu ha jkompli jiggrava u jista jasal għall-mewt tiegħu sfortunatament u il-problema, l-uniku metodu bhala kura, m'hemmx kura għax il-hsara hemm qegħda u l-unikku soluzzjoni tkun traspjant tal-pulmun* ..." (a' fol 55).

Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-konvinċiment li fiċ-ċirkostanzi, illi l-perċentwal tad-diżabilita' għandu jkun ta' 23%. Għalhekk, l-ammont globali ta' *lucrum cessans* sad-data tal-mewt tal-attur huwa ta' €9,434.46 li minnu jrid jitnaqqas l-ammont ta' € 7,281.15 fejn jifdal l-ammont ta' **€2,153.31**. Dan ġie kkalkulat billi nħadmet is-somma fejn kull xahar kellu paga ta' €2,158.91 X 19 -il xahar X 23%.

Mid-data tal-mewt tal-Attur, u ċioe' mid-29 ta' Marzu 2020 skond iċ-ċertifikat tal-mewt, irid ikun hemm ammont ta' *lucrum cessans* ieħor. L-ammont tal-paga għandu jitqies l-istess fl-ammont ta' €25,907. Fir-rigward tal-*multiplier*, iċ-ċertifikat tal-mewt jindika illi l-Attur miet meta kellu 57 sena. Ir-rappreżentant legali tal-attur juri fin-nota tas-sottomissjonijiet finali li l-Attur kien ser jirtira fl-eta' ta' 63 sena. Għalhekk, il-*multiplier* huwa ta' sitt snin. Fir-rigward tal-perċentwal tad-diżabilita', dan għandu jkun 100% peress li l-Attur miet. (Ara fost oħrajn is-

**Sentenza fl-ismijiet Teresa Monreal, et -vs- Piju Grech et, deċiża fit-2 ta' Mejju 2006, Prim'Awla Qorti Ċivili**).

Għalhekk, l-ammont globali ta' *lucrum cessans* sad-data tal-mewt tal-attur huwa ta' **€155,442.00**. (kellu paga ta' €25,907 X 6 X 100%). Il-Qorti trid ukoll issa tqis jekk jistax ikun hemm tnaqqis jekk ikun hemm *lump sum payment*. Il-Qorti tirreferi għas-sentenza **Stephen Dimech [K.I. 76349(G)] u martu Dolores Dimech għal kull interess li jista' jkollha vs Leighton Pisani Tat-18 ta' Jannar 2024, Prim'Awla Qorti Ċivili** fejn il-Qorti kkonkludiet illi "*Huwa ukoll stabbilit, li mill-ammont likwidat iridu jitnaqqsu 20% li jirrapresentaw il-konsum mis-somma finali kieku dak dovut kien imħallas fil-ħin magħrufa bħala lump sum payment. L-ermenewtika Sentenzjali lokali stabbiliet li dan l-ammont għandu jitnaqqas kemm-il darba l-Kawża ddum u li dan id-dewmien għandu jkun ikkalkolat mhux minn meta jseħħ l inċident iżda minn meta tiġi intavolata l-kawża. Il-Qorti għandha ukoll tikkonsidra jekk id-dewmien kienx ħtija tal konvenut, allura ma jkunx hemm tnaqqis jew ħtija tal-Attur li allura għandu jkun hemm tnaqqis. Bħala prinċipju dawn il-Qrati jgħidu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' żewġ perċentwali għal kull sentejn tnaqqis. L-ewwel sentejn ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dan huwa meqjus raġjonevoli.*"

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma, tenut anke kont li kien hemm il-perjodu tal-Covid, li lump sum payment għandu jkun ta' 10%. Għalhekk l-ammont għandu jkun ta' **€139,898**.

Għaldaqstant, l-ammont globali ta’ danni huwa ta’ €2,153.31 magħdud ma’ €139,898 ewro li jġibu l-ammont globali ta’ **€142,051** li miegħu jrid jiżdied l-ammont ta’ **€2,500.00** biex jagħmlu tajjeb għall-inflazzjoni tal-ħajja. Dan ifisser li d-danni kollha huma ta’ **€144,551.**

Il-Qorti tikkonkludi li dan l-ammont ta’ danni għandu jitħallas lill-eredi mis-soċjeta’ konvenuta, u dan skond dak stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza fosthom is-Sentenza fl-ismijiet ***Emmanuela Galea pro et noe v Paolo Gatt et*** fejn il-Qorti qalet illi l-eredi għandhom id-dritt li jirċievu dawn id-danni.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta’ u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa’ l-ewwel talba tal-attur** u tiddikjara li s-soċjeta’ konvenuta hija responsabbli għad-danni sofferti mill-attur.

**Tilqa’ t-tieni talba tal-attur** u tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fis-somma globali ta’ mija erbgħa u erbgħin elf u ħames mija u wieħed u ħamsin ewro (**€144,551).**

**Tilqa' t-tielet talba tal-attur** u tikkundanna lill-istess soċjeta' konvenuta tħallas lill-eredi tal-attur id-danni hekk likwidati bl-imgħaxijiet legali mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kif mituba għas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**